C/2024/1480

13.2.2024

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' isem skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

(C/2024/1480)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) fi żmien 3 xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

"Странджански билков чай / Strandzhanski bilkov chay"

Nru tal-UE: PDO-BG-02851 – 7.6.2022

DOP (X) IĠP ( )

1. **Isem/Ismijiet [tad-DOP jew tal-IĠP]**

"Странджански билков чай / Strandzhanski bilkov chay"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

Il-Bulgarija

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott [bħal fl-Anness XI]*

Klassi 1.8. Prodotti oħrajn elenkati fl-Anness I għat-Trattat (ħwawar eċċ.)

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)*

Is-"Странджански билков чай / Strandzhanski bilkov chay" huwa speċi ta' te li jinkiseb mill-weraq u l-fjuri tal-pjanta bl-isem botaniku *Sideritis syriaca*, tal-familja *Lamiaceae*, imkabbra fil-massif tal-muntanji ta' Strandzha. L-ispeċi hija inkluża fil-Lista l-Ħamra Nazzjonali, il-volum 1, għall-Bulgarija, fil-kategorija li tinsab f'periklu kritiku. Hija kkultivata minn nebbieta prodotti fil-Park tan-Natura ta' Strandzha.

Il-ħxejjex jikbru fi gruppi forma ta' koppla li jespandu b'mod kostanti wara l-ewwel sena ta' tħawwil u jiżviluppaw sistemi ta' għeruq għamla ta' siġar. Il-weraq u z-zkuk tal-fjuri jikbru mill-formazzjonijiet tal-għeruq fil-livell tal-art. Il-gruppi jikbru sa dijametru ta' 100 cm u aktar, u sa għoli ta' 30-35 cm. Huma magħmulin minn massimu ta' 120 zokk tal-fjuri, li jikbru u jiffjorixxu minn Mejju sa Ottubru. Iz-zkuk tal-fjuri jikbru mill-formazzjonijiet fil-livell tal-art li minnhom joħorġu l-friegħi, b'7-9 cm bejniethom. Għandhom żewġ jew erba' werqiet ellitiċi f'pożizzjonijiet simetriċi. Fil-parti ta' fuq taz-zkuk tal-fjuri hemm il-weraq forma ta' qlub. Dan huwa l-post fuq il-pjanta fejn jinsabu l-fjuri. Iz-zkuk tal-fjuri tal-pjanti kkultivati għandhom tul ta' 5-25 cm, u jkunu ftit itwal fejn ix-xita hija frekwenti. Il-weraq u z-zkuk tal-fjuri huma rotob u jintlewew, iżda meta mnixxfa fid-dell ikunu aktar ħoxnin u sodi.

Il-weraq u z-zkuk tal-pjanta huma ta' kulur aħdar fl-abjad, b'xagħar griż jew abjad fin. Kull inflorexxenza hija ffurmata minn fjuri sofor ċari u minn bejn 8 u 12-il żerriegħa sewda fina.

Parametri kimiċi: l-analiżijiet fitokimiċi juru l-preżenza ta' varjetà wiesgħa ta' sustanzi bijoattivi. Mit-33 kompost fenoliku identifikat, pereżempju, il-kwantità fil-kampjuni ta' *Sideritis syriaca* mir-reġjun tal-fjuri ta' Strandzha hija pjuttost għolja: 16,65-18 mg/g ta' ekwivalenti ta' aċidu kafejku (CAE) tal-fenoliċi totali, u 2,79-5,73 mg/g ta' flavonojdi RE fil-pjanti kkultivati.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

Il-pjanta tat-te mnixxfa għandha kontenut ta' ndewwa ta' mhux aktar minn 9-10 %. Il-kulur tagħha huwa ta' intensità medja: 12-18-il unità EBC (skont il-Konvenzjoni Ewropea tal-Birreriji).

Il-weraq u l-fjuri tal-pjanta jitgħallew biex jiġi ppreparat it-te li jinxtorob. Għandu ħlewwa ħafifa mingħajr ma jiżdied l-għasel jew iz-zokkor. It-te huwa ta' lewn isfar sa aħmar safrani, b'riħa sottili ta' aromi li jgħaqqdu b'mod delikat il-fjuri tal-lajm u l-ħabaq, in-nagħniegħ, il-melissa u l-frott imqadded. L-aroma speċifika hija persistenti. Toħroġ ċara meta l-ħaxixa aromatika tinxtorob, kif ukoll meta din tinħasad u titnixxef. L-aroma tiġi ppreservata fl-imballaġġ meta l-ħaxixa aromatika tinħażen kif suppost f'kundizzjonijiet xotti u mudlama.

L-attività antiossidanti tat-te bħala xarba ma tkunx anqas minn 1 990 mmol/l.

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

—

3.4. *Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

Il-prattiki kollha tal-kultivazzjoni qabel il-ħsad huma kompletament manwali u jsiru fiż-żona ġeografika.

Fażi 1. Il-produzzjoni tan-nebbieta għall-kultivazzjoni tal-ħaxixa aromatika

Fażi 2. It-tkabbir tal-pjanta

Fażi 3. Il-qtugħ u t-tnixxif taz-zkuk tal-fjuri

Fażi 4. Il-ħruġ mill-apparat tat-tnixxif u l-imballaġġ.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, l-imballaġġ, eċċ.*

Il-produtturi jimballaw il-prodott imnixxef in situ u jużaw diversi tipi ta' imballaġġ:pereżempju, kaxxi tal-kartun ta' 40/30/13 cm;boroż tal-karti b'piż nett ta' 250 g għal kull unità - għal konservazzjoni itwal u proċessar ulterjuri fi prodotti oħra;enveloppi bojod tal-karti b'daqs minimu ta' 16/22 cm, u b'kapaċità ta' 25-50 g;u tipi oħra ta' imballaġġ kif meħtieġ.

Il-prodotti lesti jintgħażlu skont id-daqs u l-iskop. Iz-zkuk iridu jaslu għand il-konsumaturi intatti. Ladarba z-zkuk jinqasmu, l-aroma tfuħ speċifika tkun aktar qawwija. L-imballaġġ *in situ* fl-azjenda immedjatament wara l-ħruġ mill-apparat tat-tnixxif huwa mod aħjar kif jiġi żgurat li z-zkuk bil-fjuri jibqgħu intatti. Dan jipproteġi wkoll il-proprjetajiet u l-karatteristiċi organolettiċi.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

Minbarra r-rekwiżiti standard, it-tikketta tinkludi l-logo tal-produttur bin-numru tar-reġistrazzjoni u bin-numru tal-lott. Fin-nofs hemm il-formolazzjoni tal-kliem ewlenija "Странджански билков чай" [Strandzhanski bilkov chay]. Fuqha jew taħtha hemm il-kliem "Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta". It-tikketti jitqiegħdu fin-nofs tal-għatu, fuq iż-żewġ naħat tal-borża. Huma żgħar jew kbar skont l-imballaġġ.

4. Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika

Iż-żona ġeografika ta' Strandzha tinkludi l-irħula fil-ħames muniċipalitajiet kollha: Malko Tarnovo, Primorsko, Sozopol, Sredets u Tsarevo. Il-kultivazzjoni għandha ssir biss fuq art b'esponiment u b'tipi ta' ħamrija adattati (ħamrija alkalina, li tista' tkun ukoll madwar il-blat kalkarju) kemm jista' jkun qrib tal-karatteristiċi tal-fjuri taż-żoni nattivi tas-*Sideritis syriaca*.

5. Rabta maż-żona ġeografika

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

Il-klima speċifika u l-pożizzjoni ġeografika tal-massif tal-muntanji ta' Strandzha huma r-raġuni għaliex, fiż-żona ġeografika, ġew ippreservati għadd kbir ta' speċijiet relitti Terzjarji u dawn issopravivew wara żmien is-silġ. Uħud huma endemiċi fir-reġjun, bħall-mirtilli u l-għeneb tal-muntanja, ir-*Rhododendron ponticum*, is-sapunarha ta' Strandzha u 53 speċi oħra ta' pjanti. Fost dawn hemm il-pjanta *Sideritis syriaca*, li minna jinkiseb is-"Странджански билков чай / Strandzhanski bilkov chay". Din tikber fuq ħamrija partikolari taż-żona ġeografika. Il-ġlata tal-ħarifa u tal-bidu tar-

rebbiegħa, u anki l-iffriżar aħrax iżda li ma jdumx, jagħmlu inqas ħsara speċifikament lill-pjanti tat-te kkultivati. Għandhom proprjetajiet ta' sopravivenza u riġenerazzjoni konsiderevolment aktar evidenti. F'jiem xotti tas-sajf, in-nida u ċ-ċpar ta' filgħodu jevaporaw malajr, anki b'livelli baxxi ta' xemx. Huma wkoll fattur favorevoli. Permezz taz-zkuk bix-xagħar u l-faxxina żviluppata sew tagħhom, il-pjanti jassorbu biss l-umdità utli, u jibdlu l-kuluri tagħhom għal aħdar skur jew isfar ċar.

Fil-pjanta jiġu ssintetizzati aktar minn 20 sustanza bijoattiva. Flimkien mal-aroma speċifika, dawn huma dovuti għall-karatteristiċi morfoloġiċi tal-pjanta u għall-fatturi abijotiċi u bijotiċi li ġejjin:

1) Il-kontenut minerali u batteriku tal-ħamrija karstika maħlula taż-żona.

2) L-ogħla livell ta' xemx fiż-żona ġeografika huwa ta' > 1 500 kW/m² fis-sena (medja nazzjonali ta' 1 110-1 420 kW/m²). Matul is-sena, ix-xemx tiġi paċuta minn żiffiet sħan u nedjin mil-Lvant u mix-Xlokk, u mir-riħ min-Nofsinhar u mil-Lbiċ tradizzjonalment magħruf bħala r-"Riħ Abjad", li jiffiltra minn ġol-foresti ta' Strandzha. Dawn il-kundizzjonijiet klimatiċi naturali, kif ukoll il-perjodi qosra ta' xita fil-ħarifa sħuna u x-xitwa moderata, jippermettu fotosintesi fit-tul u jagħtu stabbiltà lill-ispeċijiet.

3) In-nixfa karatteristika tar-reġjun, speċifikament fil-perjodu meta z-zkuk tal-fjuri jiffjorixxu u jimmaturaw, minn Mejju sa Ottubru. Dan huwa fattur li jiffavorixxi s-sintetizzazzjoni tas-sustanzi aromatiċi.

4) L-għadd kbir ta' pollinaturi naturali fil-pjantaġġuni, fosthom tużżani ta' speċijiet selvaġġi ta' naħal, musbieħ il-lejl, ħanfus eċċ., jgħinu fid-dakkir inkroċjat. B'mod speċifiku, huma l-insetti li jtiru li jġorru t-trab tad-dakra minn fjura għal fjura huma u jieklu u jiffertilizzaw iż-żrieragħ. Dan jagħti lill-ispeċi nisel aktar vigoruż u reżistenza ġenetika. Huwa għalhekk li l-kombinament tal-produzzjoni tal-ħxejjex aromatiċi mal-kolonji tan-naħal, id-dwieli u għelejjel oħra hija prattika agroambjentali ppreferuta fost il-produtturi lokali.

5.2. *Fatturi umani*

L-isforz tal-bniedem fl-applikazzjoni tal-prattika tajba evidenti għall-kultivazzjoni tal-pjanta f'kundizzjonijiet qrib ħafna tal-ambjent naturali tagħha huwa fattur ta' importanza essenzjali għall-konservazzjoni u r-riproduzzjoni tal-pjanta. Dawn il-prattiki jikkonsistu fl-għażla tal-art u tal-ħamrija (alkalina) l-aktar adattati li jiġu ttrattati b'aktar ġir fejn meħtieġ. Huwa importanti wkoll li jiġu prodotti u mħawla nebbieta ta' kwalità, u li jintgħażlu żrieragħ għaż-żrigħ direct fi rqajja' u f'ringieli ppreparati. Barra minn hekk, regolarment jitneħħa l-ħaxix ħażin mit-trofof tal-veġetazzjoni u l-ispazju bejn ir-ringieli jinħarat. Iz-zkuk bil-fjuri jinqatgħu bl-idejn kull ġimgħa, ladarba n-nida tkun evaporat u jkunu ffjorixxew kompletament (minn Ġunju sa Ottubru). Il-qsim tagħhom f'punt speċifiku bejn iż-żewġ weraq u z-zkuk tal-fjuri iżgħar li jiżviluppaw minnhom jinvolvi ħila speċjali. Huwa biss bis-swaba' tagħhom li l-produtturi esperjenzati jħossu l-fraġiltà taz-zkuk u l-maturità tagħhom. Dan huwa meta l-fjuri fin-nodi kupulati fin-naħa ta' fuq jinfetħu kompletament u l-ponot tagħhom ikollhom dehra tonda. L-imqassijiet ma humiex xierqa għall-qtugħ peress li l-użu tagħhom ikun ifisser li jinqatgħu zkuk li ma jkunux immaturaw biżżejjed, li jwassal għal karatteristiċi organolettiċi inferjuri. Hija wkoll prattika tajba li jintużaw kmamar tat-tnixxif solari jew elettriċi. Il-prodott ippreparat jiġi imballat fi żmien xieraq, wara bejn jum u 5 ijiem, b'kontenut ta' ndewwa residwa ta' mhux aktar minn 9-10 %. Jinħażen f'kundizzjonijiet xotti u mudlama. Meta jiġu esposti għad-dawl, iz-zkuk jitilfu l-kulur tagħhom u l-kwalità tagħhom tiddeterjora.

L-isforzi kollha tal-bniedem fil-kultivazzjoni tal-ħaxixa aromatika jikkontribwixxu għat-tkabbir fiżjoloġiku aħjar u itwal tagħha, kif ukoll għal rendiment ogħla u sinteżi aktar fit-tul tas-sustanzi bijoattivi. Dan jirriżulta wkoll f'valuri ogħla għall-pjanti kkultivati.

5.3. *Karatteristiċi tal-prodott*

Is-"Странджански билков чай / Strandzhanski bilkov chay" għandu karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u organolettiċi speċifiċi. Il-parametri kimiċi juru li l-perċentwal ta' sustanzi bijoattivi huwa ogħla fil-pjanti kkultivati milli f'dawk li jikbru fis-selvaġġ.

F'termini spettrofotometriċi, il-kulur tiegħu huwa ta' intensità medja: 12-18-il unità EBC (skont il-Konvenzjoni Ewropea tal-Birreriji).

Il-ħaxixa aromatika għandha attività antiossidanti għolja, li hija preżenti wkoll meta tinxtorob bħala te.

Meta jiġi kkultivat, is-“Странджански билков чай / Strandzhanski bilkov chay” għandu aroma ħafna aktar qawwija minn ħxejjex aromatiċi simili oħra, u t-te għandu togħma aktar ħafifa u mimlija. Dan għaliex tikber f'altitudni aktar baxxa (sa 450 m) u jissintetizza d-dawl tax-xemx u s-sħana fi kwantitajiet akbar u għal aktar żmien.

5.4. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għal DOP) jew il-kwalità, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra speċifiċi tal-prodott (għal IĠP)*

Strandzha, iż-żona ġeografika li fiha titkabbar is-*Sideritis syriaca*, hija kkaratterizzata minn temperaturi moderati matul is-sena kollha. L-ogħla livelli ta' xemx huma bbilanċjati matul is-sena kollha minn żiffiet sħan u nedjin mill-baħar. Il-ħamrija alkalina fi Strandzha tgħin fil-kultivazzjoni ta' din il-ħaxixa aromatika. Il-ħamrija tista' tkun madwar il-blat kalkarju rikk fil-minerali, u bil-mod tassorbi u tirrilaxxa s-sħana mix-xemx u żżomm l-umdità. Il-ġlata fil-bidu tar-rebbiegħa u tard fil-ħarifa, kif ukoll in-nida u ċ-ċpar ta' filgħodu fil-jiem xotti tas-sajf, jikkontribwixxu għall-vijabbiltà u għas-sostenibbiltà. In-nixfa f'din iż-żona ġeografika sseħħ matul il-perjodu meta l-pjanta tkun qed tiffjorixxi, utirriżulta fl-akkumulazzjoni ta' sustanzi aromatiċi. It-taħlita ta' dawn il-kundizzjonijiet agroklimatiċi hija essenzjali għas-sintetizzazzjoni ta' aktar minn 20 sustanza bijoloġikament attiva fil-pjanta. B'riżultat ta' dan, hemm valuri ogħla fl-attività antiossidanti tat-te.

Il-ħiliet tal-bniedem fil-kultivazzjoni tal-ħaxixa aromatika jikkontribwixxu wkoll għal sinteżi aktar fit-tul tas-sustanzi bijoattivi, li tirriżulta f'valuri ogħla fil-pjanti kkultivati. Fil-qtugħ bl-idejn tal-pjanta, huma involuti prattika tajba u ħiliet stabbiliti, u wieħed irid iħoss biex jara l-fraġiltà u l-maturità taz-zkuk. B'riżultat ta' dan, it-te għandu proprjetajiet organolettiċi aħjar. It-te magħmul mill-pjanta kkultivata tas-*Sideritis syriaca* għandu aroma aktar qawwija u togħma aktar ħafifa.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott

https://www.mzh.government.bg/bg/politiki-i-programi/politiki-i-strategii/politiki-po-agrohranitelnata-veriga/zashiteni-naimenovaniya/strandzhanski-bilkov-chaj/